# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 220i – Il-Ħamis, 3 ta' Ġunju 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5:30pm.
Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

**PREŻENTI**

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

**TALBA**
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Sindku ipproppona li l-Minuti tas-Seduta 219 ikunu approvati bħala dokument korrett.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat.
Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

**2. PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI**

**2.1 Talba dwar il-gabbani tal-Festa**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sitt operaturi tal-gabbani għamlu mandat ta' inibizzjoni kontra l-Kunsill. Huwa qal li immedjatament, wara konsultazzjoni mas-Sindku, inkariga lill-Avukat Dr Richard Sladden biex iħejji tweġiba għal dan il-mandat, liema tweġiba bil-liġi kellha tiġi mwieġba sa nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju. Is-smiegħ tal-mandat għandu jsir nhar il-Ħamis 10 ta' Ġunju, 2010.

**2.2 Customer Care Support Clerk**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet daħħlet applikazzjoni waħda, dik ta' Agnes Borg. Wara li l-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni, is-Sindku qal li jidher li m'hemmx ħtieġa li ssir intervista u ippropona li Ms Agnes Borg tiġi impjegata bażi *part-time* fi skala 13.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.
Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda.
Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.
L-eżitu tal-votazzjoni kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

## 4. KUNTRATTI

**4.1 Construction of Pavements with plain concrete method Ref LCS 14/10**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu daħlu erba' offerti.
Wara li l-Kunsill eżamina dawn l-offerti, is-Sindku ippropona li għandha tintlaqa' l-offerta ta' Nicholas Farrugia fuq il-bażi li fejn jidħlu l-aktar servizzi li nużaw minn dan il-kuntratt, qiegħed joffri l-irħas prezzijiet.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.2 Maintenance of Traffic Signs and Road Markings Ref LCS 32/09**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt wasal biex jiġġedded fil-31 ta' Lulju, 2010.
Is-Sindku qal li wara li sema' l-ilmenti tal-Contracts Manager, liema ilmenti huma konfermati mis-Segretarju Eżekuttiv, dwar id-dewmien biex jitwaħħlu tabelli u mirja mill-kuntrattur preżenti, ippropona li dan il-kuntratt għandu jitwaqqaf u toħroġ sejħa ġdida.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5. MOZZJONIJIET

**5.1 Mozzjoni dwar kuntratti ġodda għal resurfacing ta' toroq b'sistema ta' PPP**

Mozzjoni ippreżentata mis-Sindku Robert Musumeci.

"Billi skont memo 45/2010, minn din is-sena se tibda titħaddem l-iskema ta' *Public Private Partnership* fejn jidħol ir-*resurfacing* ta' toroq residenzjali li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali,

"U billi din l-iskema tinvolvi li l-Kunsill jidħol fi ftehim ma' kuntrattur biex dan tal-aħħar jagħmel xogħol ta' *resurfacing* fuq numru ta' toroq residenzjali li jkunu ġew identifikati mill-Kunsill, liema xogħol irid jitwettaq fi żmien sena,

"U billi l-ħlasijiet iridu jsiru b'dan il-mod: 40% kif jitlesta x-xogħol, 20% sena wara, 10% sentejn wara, u fis-snin l-oħra sat-tminn sena, il-Kunsill iħallas 5% kull sena,

"U billi id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qed jikkometti ruħu li għall-ewwel sena jirdoppja l-ammont li l-Kunsill għandu fl-allokazzjoni finanzjarja tiegħu fuq il-manutenzjoni tat-toroq, filwaqt li għat-tieni sena, il-Kunsill jingħata 25% żieda fuq l-allokazzjonii tiegħu għall-manutenzjoni ta' toroq,

"U billi l-Kunsill Lokali irid jidentifika numru ta' toroq u flimkien ma' stima tagħhom jibgħatha għall-approvazzjoni tad-Dipartiment ħalli imbagħad ikun jista' joħroġ Sejħa għall-Offerti;

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' llum 3 ta' Ġunju 2010 jirriżolvi li jibgħat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali lista ta' toroq, biex ix-xogħlijiet tagħhom jibdew fis-sena finanzjarja 2011, u jibqgħu jitħallsu sas-sena finanzjarja 2018,

Liema toroq jinkludu:
1. Triq Lorenzo Gafà
2. Triq Nikola Saura
3. Triq Ta' Brija
4. Sqaq San Ġwann
5. Sqaq San Ġakbu
6. Triq ta' Kilpa

Is-Sindku stieden lill-Kunsill biex nipparteċipaw f'din l-iskema u kompla jgħid li din il-mozzjoni għandha tiġi diskussa fis-seduta li jmiss. Sadanittant, il-Kunsilliera jistgħu jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom dwar toroq oħrajn li jistgħu jiġu mdaħħla fil-lista.

## 6 HWEJJEĠ OHRAJN

### 6.1 Adult Lifelong learning

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni kien qed joffri diversi korsijiet ta' tagħlim għall-adulti. Huwa qal li l-korsijiet tal-Malti, Ingliż u Matematika jingħataw bla ħlas filwaqt li l-korsijiet l-oħra se jkunu issusidjati b'50 fil-mija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. B'hekk l-ispejjeż l-oħra ta' dawn il-korsijiet ikunu jistgħu jinqasmu bejn il-Kunsill u l-

parteċipanti. Fost suġġetti li nistgħu noffru hemm "Studying skills – helping children in the studies", "Healthy aging", "First Aid", "curtain making & dress cutting".

Waqt id-diskussjoni ġew esplorati diversi possibiltajiet fosthom li nużaw is-Sala tal-Kunsill għall-massimu tagħha, għal kors dwar "healthy aging" issir talba lill-Arċipriet biex tintuża Dar Ommna Marija u għal korsijiet oħrajn tintuża l-iskola primarja.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jawtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv biex jorganizza dawn il-korsijiet u jsib il-faċiltajiet għalihom.

Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.2 Armar ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi fil-jiem tal-Festa**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħas-snin ta' qabel il-Kunsill jarma bid-dawl Triq Mons Mikiel Azzopardi. Huwa talab lill-Grupp tal-Armar jagħtuh stima ta' dan ix-xogħol liema stima tammonta għas-somma ta' €1,100.
Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din it-talba.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.3 Talba mill-HSBC re PA 01061/10**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien irċieva talba biex skont pjanti annessi tiġi estiża l-bankina fi Pjazza San Nikola, biswit Dar Ommna Maria.

Is-Sindku ippropona li għandha tintlaqa' din it-talb bil-kundizzjoni li bħala protezzjoni jitwaħlu erba' bollards. Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.4 Ħarġa Kulturali**

Il-Kunsilliera Rita Psaila ipproponiet li f'Ġunju ssir ħarġa kulturali fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier. Din l-attività tkun waħda *self-financed.*

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.5 Talba rigward parkeġġ fi Sqaq nru 2, Triq il-Kbira**

Il-Kunsill iddiskuta t-talba magħmula minn Joseph, Nicholas u Silvana Spiteri dwar is-sitwazzjoni tal-parkeġġ f'dan l-isqaq imsemmi, mingħajr ma wasal fl-ebda konklużjoni.

**6.6 Talba għal parking bays u kaxxi sofor fi Triq Gaspare Pace**

Il-Kunsill iddiskuta t-talba magħmula minn Kevin Cauchi, resident fl-imsemmija triq, mingħajr ma wasal fl-ebda konklużjoni.

**6.7 Triq Ġużeppi Busuttil fin-naħa ta' Triq Blat il-Qamar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal talba magħmula minn resident f'din it-triq dwar l-istat diżastruż tagħha.
Is-Sindku irrimarka li din hija triq ġdida u b'hekk ma taqax fil-kompetenza tal-Kunsill li jagħmel din it-triq. Huwa kompla jgħid li għandna niġbdu l-attenzjoni tagħha lil Transport Malta.

**6.8 Proġett ta' Landscaping f'Ramija Housing Estate**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar it-talba li kienet saret lill-Awtorità tad-Djar fuq din il-materja u li t-tweġiba tal-Perit Anton Camilleri, Direttur tal-Bini u Tiswija ta' Djar kienet tgħid li l-Awtorità se tagħmel tajjeb għall-ispiża iżda l-ħlas isir fl-2012.

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandju jfakkar lill-Awtorità dwar dan l-imenn min-naħa tagħhom.

## AĠĠORNAMENT TAS-SEDUTA

Peress li fit-8:00pm kien sar il-ħin, is-Sindku ippropona l-aġġornament ta' din is-Seduta, liema Seduta għandha titkompla nhar il-Ħamis 10 ta' Ġunju 2010 fil-5:00pm

| | |
|---|---|
| Il-Perit Robert Musumeci | Nikol Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati llum il-Ħamis, l-1 ta' Lulju, 2010

# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 220ii – Il-Ħamis, 10 ta' Ġunju 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5:00pm.
Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

**PREŻENTI**

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Jesmond Tanti

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

**TALBA**
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

**HWEJJEĠ OĦRA**

**6.9 Triq Wied Xkora**

Is-Sindku qal li s-seduta qed titkompla minħabba li kien hemm talba mir-residenti kif ukoll is-sidien tal-barrieri li jużaw din it-triq. Huwa għalhekk issospenda s-seduta biex jinstemgħu l-ilmenti tar-residenti kif ukoll tas-sidien tal-barrieri.

Wara li stieden lir-residenti iressqu l-ilmenti tagħhom, huwa ġabar fil-qosor dawn l-ilmenti:
1. Ammont eċċessiv ta' exhaust minn xi inġenji;
2. Negliġenza fis-sewqan;
3. Ħsarat fil-ħitan;
4. Gafef kbar bil-katina li jikkawżaw ħsarat fil-wiċċ tat-triq;
5. Numru kbir ta' trakkijiet li qed jużaw din it-triq li hija dejqa.

Wara li s-Sindku stieden lis-sidien tal-barrieri biex jitkellmu, huwa ġabar fil-qosor tit-tweġibiet tagħhom:
1. Il-ħsarat li saru fit-triq issewwiet mill-istess sidien;

2. Il-ħmieġ ikkawżat mit-trakkijiet fil-maltemp tnaddaf regolament;
3. In-numru ta' vetturi issa naqas minn madwar 300 vjaġġ kuljum għal anqas minn 50 kuljum;
4. Il-vetturi huma kollha spezzjonati bil-VRT;
5. Ma jeżisti l-ebda aċċess alternattiv;

Is-Sindku qal li s-sur Ian Magro qed iwiegħed li meta l-ħidma tal-mili tal-barriera jerġa' jintensifika, jassenja jew *traffic lights* temporanjI jew kontrollur biex jidderiġi t-trakkijiet.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jikteb lil Transport Malta u lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal direzzjoni dwar jekk hux fid-diskrezzjoni tal-Kunsill li jillimita t-traffiku fi triq partikolari, in vista ta' operatur li għandu permess mill-MEPA biex jagħmel *landfilling* ta' barriera, u li skont ir-residenti qed jikkawżalhom inkonvenjent.

Il-Kunsillier Jesomond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara din is-seduta bħala magħluqa fis-6.30pmu ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **il-Ħamis, l-1 ta' Lulju** fil-5:30pm**.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

Il-Perit Robert Musumeci
Sindku

Nikol Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv

Konfermati llum il-Ħamis, l-1 ta' Lulju 2010